MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2008

Numru. 1012/2005

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Giuseppa Deguara, bint Giuseppe Debono, imwielda iż-Żejtun fil-11 ta' novembru, 1944

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fis-27 ta' lulju, 2005 għal ħabta tal-11.30 a.m. fi Triq Santa Katerina, iż-Żejtun volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor billi għamlet ħsara fuq il-vettura tal-marka Peugeot 406, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAB 041, liema ħsara tiskorri l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda mhux il-ħames mitt lira maltin (Lm500), għad-dannu ta' Francis Spiteri miż-Żejtun.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija Minbarra l-piena kontemplati mill-liġi tapplika l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-27 ta' lulju, 2005 fit-triq hawn fuq indikata Francis Spiteri ra lill-imputata tagħti daqqa ta' martell lill-karozza tiegħu.

Illi Francis Spiteri għamel rapport lill-pulizija rapport ta' dan l-inċident fl-10 ta' awissu, 2005.

Illi fis-17 ta' awissu, 2005 il-pulizija rċeviet kwerela u konsegwenza ta' dan huma bdew jinvestigaw dan il-każ.

Illi fid-19 ta' awissu, 2005 Francis Spiteri ta lill-pulizija l-istima tal-ħsarat tal-valur ta' Lm188.80.  L-espert imqabbad minn din il-Qorti xehed li l-valur tal-ħsarat kien ta' Lm75.

Illi fil-mori ta' din il-kawża Francis Spiteri offra x-xhieda tiegħu fejn spejga li ra lill-imputata tagmel il-ħsara fuq il-karozza tiegħu.

Illi l-imputata dejjem ċaħdet li għamlet xi ħsara fuq il-karozza ta' l-imputat.  Din iċ-ċaħad kienet lill-pulizija, kif ukoll fix-xhieda tagħha quddiem din il-Qorti.

Illi f'ċirkostanżi ta' din il-kwalita' fejn ma hemm ebda xhud okulari ndipendenti hu diffiċli ħafna li tasal għal sejbin ta' ħtija.  F'dawn il-każijiet id-dubju għandu jmur favur l-imputata.

Għaldaqstant, fin-nuqqas ta’ provi ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------